**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 2 ta' Settembru 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Ryan Bartolo**

**Kump. Nr. 367/2020**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Ryan Bartolo, detentur tal-karta tal-identita` numru 171589(M),** gie akkuzat talli f`dawn il-Gzejjer, nhar l- 20 ta` Lulju 2020 ghal habta tal-erbgha u ghoxrin ta` filghodu (04:20a.m) gewwa West Gate Crt., Mais 1, Triq F.M. Ferretti, B'Bugia u/jew fil-vicinanzi:

1. minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkagunajt offiza fuq Claudia Bartolo, liema offiza hija hafifa u dan ai terminu tal-artikolu 214, 221(3), 202(h), 222(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. Akkuzat aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi ngurjajt jew heddedt lil Claudia Bartolo u dan ai terminu tal-Artikolu 339 (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

3. Akkuzat aktar talli f’ dawn il-Gzejjer, nhar l-20 u l-21 ta` Lulju 2020 f`diversi hinijiet differenti f`dawn il- Gzejjer, b`diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal- ligi u gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda ikkagunajt lil ohtok Dorianne Pisani, biza li se tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra l-propjeta’ taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta’ ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuni msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 u dan ai terminu tal -Artikolu 18, 251B u 251H(b),(h) tal- Kap.9 tal- Ligijiet ta’ Malta

4. Akkuzat aktar talli fl-istess perjodu, heddedt lil Dorianne Pisani u dan ai terminu tal-Artikolu 339 (e) tal-Kap. 9 ta’ Ligijiet ta’ Malta.

5. Akkuzat aktar talli kiser il-Kundizzjonijiet imposti fuqu b`digriet datat 01 ta` Novembru 2019 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. D. Frendo Dimech LL.D li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kondizzjonijiet.

6. Akkuzat aktar talli kiser Ordni ta` Protezzjoni taht l-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta li kien inhareg fl- 01 ta` Novembru 2019 mill-Magistrat Dr. D. Frendo Dimech LL.D

   Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghal-imsemmija reat, tirrevoka ‘contrario imperio’ d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta` l-imsemmi Ryan Bartolo kif ukoll tordna li s-somma ta` garanzija u/jew depositu jghaddu favur il-Gvern ta` Malta.

Il-Qorti hi gentilment mitluba illi f`kaz ta htija tiprovdi ghal garanzija ta` Claudia Bartolo u ta` Dorianne Pisani skond l- artikolu 383, 384 u 385 tal-kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti hija gentilment ukoll f'kaz ta'htija tipprovdi ghas-sigurta u protezzjoni ta' Claudia Bartolo u ta` Dorianne Pisani kif jidhrilha xieraq, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' u ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuni leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza skond l-Artikolu 412C tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ta' l-4 t' Awwissu 2020.

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat;**

Illi dan il-kaz kien jirrigwarda allegat vjolenza domestika fejn Dorianne Pisani, oht l-imputat kienet giet mhedda minnu u fejn l-ex mara ta' l-imputat Claudia Bondin kienet giet aggredita fizikament mill-istess imputat. Id-dettalji kollha dwar dak allegat fil-konfront ta' l-imputat johorgu mir-rapporti ezebiti u cioe NPS 5/J/1424/2020, NPS 4/G/1472/2020 u NPS 5/J/1436/2020. Saru wkoll zewg risk assesments minn naha ta' l-Appogg. Gie ezebiti wkoll certifikat mediku riferribbilment ghall-Claudia Bondin.

**<u>Ikkunsidrat;</u>**

Illi f'dan l-istadju din il-Qorti jidrilha li ghandha tippuntwalizza illi fl-udjenza tat-18 ta' Awwissu 2020 Claudia Bartolo Bondin u Dorianne Pisani iddikjaraw (Ara verbal tas-seduta) li huma ma jridux jixhdu.

In vista ta’ din id-dikjarazzoni inekwivoka minn naha ta’ Claudia Bartolo Bondin u Dorianne Pisani, l-ufficjal prosekutur immedjatament fl-istess udjenza iddikjara li definittivament ma kellux iktar provi xi jressaq.

L-osservazzjoni importanti li tixtieq taghmel din il-Qorti hi fis-sens li s-sitwazzjoni li inholqot f’ dan il-procediment – u sitwazzjonijiet bhal dawn qed ikollna ta’ spiss fil-qrati – fejn l-allegata vittma bl-aktar mod emfatiku tiddikjara li ma tkunx trid tixhed kontra l-imputat (principalment ghax jew ikun zewgha jew il-partner taghha), qieghda fiha innifisha tohloq frustrazzjoni kbira kemm lill-Pulizija (li jkunu ghamlu id-dover taghhom billi investigaw, ressqu persuna il-Qorti u hadu hsieb li jressqu il-provi), kemm lill-addetti tal-agenzija Appogg li jaghmlu d-dover taghhom sabiex ihejju l-*assessment* mehtieg fic-cirkostanzi ta` kaz ta` allegata vjolenza domestika, kif ukoll u mhux ftit lill-Qrati (li jkollhom jiskedaw il-kawza, jallokaw seduti u l-hin ghal-tali kawza). Il-prosekuzzjoni imbaghad tispicca frustrata ghax ix-xhud/xhieda principali taghha jispicca inezza lill-prosekuzzjoni mis-sahha li taspira li jkollha fil-proceduri; u l-Qorti tispicca frustrata ghax jitnehhielha l-poter li tagixxi skond il-ligi f’kaz meta suppost ikollha l-vittma li tixhed u l-prova tkun wahda b’sahhitha, izda mbaghad dan kollu jisfuma fix-xejn.

F’dan il-kuntest ukoll ghandu jigi rilevat li l-verita u r-realta` hi li ma hux facli li l-Qorti tisforza lill-allegata vittma sabiex taghti d-depozizzjoni taghha. Il-biza li l-allegata vittma tigi vittimizzata aktar, jekk din titpogga taht pressjoni sabiex tixhed, hija wahda reali.

Din hija sitwazzjoni mhux ta’ ftit importanza u kif gara f’dan il-kaz Claudia Bartolo Bondin u Dorianne Pisani, ix-xhieda (l-allegatai vittmi) principali tal-prosekuzzjoni qatt ma iddeponew bil-konsegwenza li l-kaz tal-prosekuzzjoni gie rez dghajjef u mhux sostenibbli skond il-ligi.

Din il-Qorti tirrimarka li r-rizultat ahhari, kif inhu f’dan il-kaz sfortunatament, hu responsabbilta’ unika ta` Claudia Bartolo Bondin u Dorianne Pisani.

Fic-cirkostanzi, il-kaz tal-prosekuzzjoni ghalhekk ghandu jitqies li gie mhux sufficjentement ippruvat skont il-ligi.

**KONKLUZJONI.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI SSIB U TIDDIKJARA LIL RYAN BARTOLO MHUX HATI TA` L-IMPUTAZZJONIJIET KIF DEDOTTI KONTRA TIEGHU U MINNHOM TILLIBERAH SKOND IL-LIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur